# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tal-laqgħa dwar il-mozzjoni [annessa] dwar il-bankijiet ta' Misraħ San Ġużepp li nżammet nhar il-Ħamis 20 ta' Diċembru 2012, fit-3pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi kellu jressaq il-mozzjoni peress illi jħoss illi s-Sindku ħa deċiżjoni barra l-kamra tas-Seduti mingħajr konsultazzjoni mal-kunsilliera, u għax jemmen illi ħa l-azzjoni minħabba persuna rresponsabbli u issa r-residenti qegħdin ibagħtu l-konsegwenzi. Iħoss illi l-anzjani li kienu jistrieħu fuq dawn il-bankijiet huma dawk illi qegħdin ibagħtu issa, u mhux l-individwu, jew individwi, illi għamlu dan l-att ta' vandalizmu.

2. Il-kunsillier Publius Abdilla esprima l-ħsibijiet tiegħu dwar dan il-vandalizmu li qed isir fil-Misraħ [barra l-bankijiet kien hemm ħsara fuq il-bus stop u l-pompa] imma ma jaqbilx illi kien hemm bzonn illi jitneħħew il-bankijiet. Qal illi fil-passat konna ressaqnihom għax kienu qegħdin idejqu lin-nies, izda s'issa ma rċevejniex ilmenti, u jekk xi ħadd ried iressaqhom, dan kellu jiġi l-Kunsill u mhux jieħu l-liġi b'idejħ. Fl-istess ħin iħoss illi jekk nibqgħu mingħajr dawn il-bankijiet, din il-persuna, jew persuni, ikunu ħadu dak li riedu. Qal illi ħafna anzjani qegħdin ibagħtu, u jgorru u jemmen illi t-tgergir wasal għand kulħadd. Qal ukoll illi dawn il-vendikazzjonijiet isiru kullimkien, u ma nistgħux inħallu r-residenti tagħna mingħajr servizzi minħabba fihom.

3. Is-Sindku qal illi ma qabilx mal-kliem illi użaw il-kunsilliera Pietru Pawl Busuttil u Publius Abdilla, meta qalu li hu "neħħa" il-bankijiet. Hu qal illi ġabarhom għax kienu diġa miksurin u

barra minn posthom. Qal ukoll illi aħna ngħidu li dawn il-tlett bankijiet ma dejqu lil ħadd, izda jemmen illi hemm individwu/wi li joqogħdu fuq dawn il-bankijiet li dejqu r-residenti. Jemmen illi jaf min hu l-persuna responsabbli għal din il-ħsara, imma qed jistenna aktar provi. Qal ukoll illi meta nieħdu passi kontra din il-persuna, ikunu passi ħorox, u jemmen ukoll illi l-mozzjoni saret b'għa[ġla. Insista li hu mhux kontra li jkun hemm bankijiet fil-Misraħ u jixtieq jarahom lura hemm, imma mhux qabel ma nieħdu l-passi meħtieġa kontra dak illi kisser il-bankijiet. Qal illi dan għandu jsir bil-mod biex isir sew. Qal ukoll illi jixtieq jenfasizza li hu mhux kontra li l-bankijiet jitpoġġew fil-Misraħ, għaliex kieku kien jivvota kontra d-deċiżjoni li jitwaħħlu hemm meta sar il-proġett fil-passat. Qal illi sakemm isir il-proċess li hemm bzonn li jsir biex jinqabad il-persuna, se jkollu jivvota kontra l-mozzjoni. Qal illi mhux se jeskludi li jkun hemm bankijiet fil-futur.

4. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi jifhem illi s-Sindku kellu l-opportunita biex ma jaqbilx mal-proġett fil-passat, izda xorta jemmen illi m'hemmx bzonn nibqgħu mingħajr bankijiet għalissa. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi dejjem sab kompromess mas-Sindku fil-passat izda ma jistax jemmen id-deċiżjoni tiegħu fuq dan is-suġġett. Qal illi għandhom ikunu lura f'posthom għas-serħan tan-nies u mhux għall-individwi madwar il-mejda tal-Kunsill. Qal illi jemmen illi s-Sindku qed jieħu din l-azzjoni bħala pika ma min hu responsabbli għat-tneħħija tal-bankijiet.

5. Is-Sindku qal illi l-mozzjoni fiha rabta [hemm miktub "sa mhux aktar tard minn Jannar 2013"] u hu ma jistax jagħmel dak illi jixtieq bit-target date. Il-kunsilliera Publius Abdilla u Pietru Pawl Busuttil qalu li qegħdin jagħmlu talba, u m'hemmx rabta. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi dawn għandhom jerġgħu jitwaħħlu, u illi ma nistgħux nżommu għassa tal-post il-ħin kollu.

6. Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi jista jifhem illi hemm min ma ħax pjaċir illi nqalgħu u sa fejn jaf hu sar il-vandalizmu tlett darbiet fil-Misraħ. Qal illi l-Misraħ jidher vojt mingħajr il-bankijiet pero jista jifhem il-frustrazzjoni tal-kunsilliera kollha u jeħtieġ illi ssir xi ħaġa. Fl-istess ħin esprima l-biża tiegħu li terġa ssir att ta' vandaliżmu fuqhom jekk dawn jitwaħħlu f'posthom issa. Qal illi meta jkun hemm sorveljanza tal-post nkunu nistgħu naqbdu l-persuna, u fil-futur għandhom jerġgħu jkunu f'posthom, izda għalissa jaqbel mas-Sindku illi għandna naħsbu sew fuq il-passi li se nieħdu u ma nagħmlux kollox b'għaġġla.

7. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi n-nies se jgorru izjed meta ma jsibuhomx hemm fl-isbaħ xahar tas-sena [Marzu]. Qal ukoll illi s-soluzzjoni li tneħħi ma tagħmilx sens. Qal illi l-Kunsill neħħa l-qsari wara li saru atti fuqhom u xorta hemm min isib oġġett ieħor biex ikisser. Il-kunsillier Pietru

Pawl Busuttil qal illi ma jistax jemmen illi m’hemmx ftehim fuq il-mozzjoni u anqas jixtieq illi l-Kunsill jispiċċa jieħu vot.

8. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi s-suġġett jikkonsisti fuq il-vandalizmu, u mhux l-bankijiet biss. Jaqbel illi għandna nsibu soluzzjoni, imma mhux bl-għaġla. Qal illi l-vandalizmu baqa għaddej u mid-dehra din il-persuna qed tieħu pjaċir tħammeġ ir-raħal. Qal illi għandna bżonn infittxu lil dan il-persuna bil-liġi. Qal illi jemmen illi aħjar naqbdu l-persuna u wara nirranġaw il-post għax dan se jkompli jħammeġ u jkisser sakemm jinqabad. Fuq dan il-punt il-kunsillier Publius Abdilla qal illi ma tkunx l-ewwel darba li tlabna l-għajnuna tal-pulizija izda m’għamlu xejn wara li għamilna rapport.

9. Il-kunsillier Publius Abdilla qal li issa li waslet il-kamera għanda titwaħħal hemm. Is-Sindku talab biss illi kulħadd jagħtiħ ċans biex jaqbad il-persuna u biex nerġgħu npoġġu dawn il-bankijiet f’posthom. Qal ukoll illi għandna nużaw il-kamera fuq partijiet tar-raħal oħrajn. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi lest jagħti ċans sa Frar, jekk mhux Jannar, biex jitwaħħlu. Qal illi fil-mozzjoni m’hemmx miktub illi kunsilliera huma kontra l-bankijiet u għalhekk jemmen illi kienu ‘fair’ bil-mod illi kitbu l-mozzjoni. Qal ukoll illi t-tellief huwa l-Kunsill u r-residenti u mhux min għamel il-ħsara.

10. Il-kunsillier Carlo Stivala ppropona li nużaw is-servizzi ta’ private investigator imma ma kienx hemm qbil bejn il-kunsilliera l-oħra. Staqsa wkoll kif nistgħu nibqgħu mexjin biex din il-persuna tinqabad għax fl-opinjoni tiegħu għandhet jinqabad issa. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi mid-dehra s-Sindku għandu pjan. Is-Sindku reġa talab għal ftit żmien u paċenzja sabiex dan jinqabad u nkunu nistgħu nieħdu passi kontra min qed jagħmel il-ħsara.

11. Il-kunsilliera vvottaw fuq il-mozzjoni:

- Is-Sindku vvota **KONTRA**
- Il-Viċi Sindku vvota **KONTRA**
- Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ivota **FAVUR**
- Il-kunsillier Publius Abdilla vvota **FAVUR**
- Il-kunsillier Carlo Stivala vvota **KONTRA**

B'hekk il-mozzjoni m'għaddietx bi tlett voti kontra tnejn. Il-kunsilliera li vvuttaw kontra l-mozzjoni kollha qalu li huma ma jixtiequx ikunu marbutin ma ħin sa kemm għandhom jitwaħħlu dawn il-bankijiet u għalhekk qegħdin jagħtu vot kontra l-mozzjoni. Kollha qablu li jixtiequ jkollhom il-bankijiet lura meta dan il-persuna tinqabad.

12. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi n-nies għandhom ikunu jafu li kien hemm tlett kunsilliera illi kienu kontra li jitwaħħlu l-bankijiet fil-laqgħa. Il-kunsilliera li vvotaw kontra l-mozzjoni qalu li huma kontra li jitwaħħlu issa biss, għar-raġunijiet illi semmew waqt il-laqgħa. Is-Sindku qal illi r-risposta se tkun illi minħabba ċirkostanzi li qegħdin fihom issa, il-Kunsill ma jistax jorbot ma dati.

13. Fuq suġġett separat, il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi kien dispjaċut rigward il-karta li twaħħlet fil-fuljett li fiha kien hemm risposta għall-messaġġ tiegħu. Is-Sindku qal illi kien qal lilu fil-laqgħa fejn ġie diskuss il-fuljett illi se jagħti r-risposta tiegħu. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi se jirrispondi fil-fuljett li jmiss. Qal ukoll illi l-kunsilliera kienu aċċettaw illi l-messaġġi rispettivi tagħhom se joħorġu kif kienu, u issa kulħadd se jaqra ittra kontra l-messaġġ tiegħu, imma ħadd m'hu se jaqra r-raġunijiet għalfejn hu ma riedx jaqbel mal-messaġġi tal-kunsilliera oħrajn. Is-Sindku qal li kull ma sar kien tweġiba għall-attakk mill-bidu sa l-aħħar tal-messaġġ tal-kunsillier Pietru Pawl Busuttil.

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Francis Callus | Anthony Attard |